# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 474/2016**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Ritienne Chircop**

Illum 22 ta' Mejju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanti **Ritienne Chircop**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 173877(M), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fl-24 ta' April 2008 għall-ħabta tal-4.20pm fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, saqet vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni VIV-151:

1. b'manjiera traskurata;

2. perikoluża;

3. bla kont;

4. b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti tat-traffiku, taj-jret lil Emanuela Muscat u nvolontarjament ikkaġunatilha offiża ta' natura gravi skont kif iċċertifika Dr. Rene Camilleri M.D. ta' M.D.H.

Il-Prosekuzzjoni talbet l-imputata tiġi skwalifikata mil-liċenzji kollha tagħha tas-sewqan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-10 ta' Ottubru 2016 fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 17 u 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u Regolament 81 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tagħha kkundannatha tħallas multa ta' elf u mitejn Euro (€1200). B'applikazzjoni ta' Artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti ordnat l-iskwalifika ta' kull liċenzja tas-sewqan tal-imputata għal tmint ijiem b'dan illi din is-sospensjoni kellha tibda minn nofs il-lejl u minuta ta' dakinhar li ngħatat is-sentenza. Finalment, wara li rat Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti ordnat lill-imputata tħallas l-ispejjeż ta' tliet mija u tmienja u erbgħin Euro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€348.57) in konnessjoni mal-ispejjeż peritali

Rat ir-Rikors tal-appellanti ppreżentat fid-19 ta' Ottubru 2016 fejn talbet lil din l-Qorti sabiex: *"tħassar is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fejn sabet lill-imputata ħatja ta' l-akkużi miġjuba kontra tagħha u kkundannatha tħallas multa ta' €1200, issospendiet il-liċenzja ta' l-imputata għall-tmient ijiem u kkundannat lill-imputata tħallas l-ispejjeż tal-espert imqabbad mill-Onorabbli Qorti fil-Prim Istanza u minflok taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tillibera lill-appellanta mill-akkużi miġjuba kontra tagħha."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-25 ta' April 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell ippreżentat mill-appellanti Chircop in segwitu ta' sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fl-10 ta' Ottubru 2016.

Illi r-Rikors tal-appell tal-appellanti huwa li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi. L-appellanti tisħaq li l-Ewwel Qorti kellha tilliberaha wara li ma emmnitx il-verżjoni tal-*parte civile* Emanuela Muscat. Tgħid li l-Ewwel Qorti straħet biss fuq ir-rapport tal-espert li ma rax l-inċident u li hija kellha tistrieħ fuq il-verżjoni tal-fatti mogħtija minnha (mill-appellanti). Issostni li hija kienet ser tibda tipparkja u l-vettura kienet wieqfa meta l-*parte civile* qasmet bl-addoċċ u baqgħet dieħla fil-ġenb tal-vettura u li kien għalhekk li waqgħet u sofriet ġrieħi ġravi. Tgħid li l-impatt seħħ fuq il-ġenb tal-vettura fuq in-naħa tal-lemin fuq il-bieba ta' wara u li kieku hija (l-appellanti) kienet qed tirriversja biex tipparkja, lill-*parte civile* ma kinitx tolqotha bil-ġenb tal-vettura imma kienet tolqotha bil-*bumper*. Tisħaq li n-nuqqas tagħha (tal-appellanti) għaliex hi messha daret id-dawra kollha jammonta biss għall-infrazzjoni tat-traffiku u li kienet il-*parte civile* li daħlet fil-ġenb tal-vettura u li b'hekk m'hemmx ness bejn il-manuvra tagħha

(tal-appellanti) u dak li ġara lill-*parte civile*. Targumenta li din il-verżjoni tal-fatti hija korroborata bix-xiehda ta' Victoria Cuschieri li ssostni li hija (l-appellanti) kienet wieqfa. Tisħaq li l-Prosekuzzjoni bl-ebda mod ma ppruvat lil hinn minn kull dubju raġonevoli li hija kkawżat l-inċident. Il-*parte civile* ssostni li hija ttgħajjret meta kienet xi metru 'l ġewwa fuq il-bankina u li x-xiehda ta' Anthony Zammit hija differenti bħalma huma differenti wkoll il-verżjonijiet tagħha (tal-appellanti) u ta' ommha. Tgħid li ommha għandha figura żgħira u li għalhekk bl-ebda mod ma kienet qed timblokka l-viżwali tax-xufier. Tisħaq li Anthony Zammit qatt ma ra lil Emanuela Muscat fuq il-bankina imma fit-triq u targumenta li l-Ewwel Qorti ma straħitx fuq il-prinċipju *in dubio pro reo*. Tgħid li hemm dubju ta' x'verament ġara minħabba l-kunflitt tal-provi. Tisħaq li jekk kienet qed tirriversja, hija xorta kienet qed iżżomm *a proper lookout* u li l-*parte civile* qasmet bl-addoċċ mingħajr ma setgħet tevitaha. Tgħid li l-*parte civile* telgħet fuq il-bankina u reġgħet qasmet b'mod mgħaġġel. L-appellanti ma setgħetx tinduna li l-*parte civile* reġgħet qasmet u lanqas biss użat iz-*zebra crossing* li hemm fil-viċin. Tgħid li hija kienet wieqfa u li kienet il-*parte civile* li daħlet fuq il-bieba ta' wara. Tgħid li għalkemm il-*parte civile* tgħid li l-inċident seħħ fuq il-bankina, l-espert tekniku kkonkluda li dan kien impossibbli. Tagħlaq billi tgħid li l-inċident kien dovut għall-mod irresponsabbli li bih qasmet il-*parte civile*.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel din il-Qorti tipproċedi ulterjorment ikun opportun tinnota li minkejja li fl-14 ta' Diċembru 2011 l-Avukat Ġenerali bagħat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju (*a fol.* 154) fejn huwa indika l-artikoli li skont hu l-appellanti kellha tinstab ħatja tagħhom mill-Ewwel Qorti, imkien fl-atti proċesswali ta' dan il-każ ma hemm imsemmi li l-appellanti ma kellhiex oġġezzjoni li l-każ tagħha jinstema' u jiġi deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati. Jingħad ukoll li meta fil-21 ta' Mejju 2013 (*a fol.* 185) il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex aktar provi xi tressaq, l-Ewwel Qorti ddifferiet il-kawża għall-provi tad-difiża.

Illi filwaqt li l-Ġudikant quddiem l-Ewwel Qorti tbiddel diversi drabi, b'dan illi l-Ġudikant li tat is-sentenza appellata kienet differenti minn dik ta' meta ġiet ippreżentata n-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju (u li bejn dawn iż-żewġ Ġudikanti kien hemm saħansitra Ġudikant ieħor!) jibqa' l-fatt li ma jirriżultax li l-appellanti ġiet mistoqsija d-domanda jekk kellhiex oġġezzjoni li l-każ tagħha jinstema' u jiġi deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid ukoll li anqas hemm imniżżel li quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kienu ġew moqrija l-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali. Jirriżulta li numru ta' xhieda xehdu wara li kienu ntbagħtu l-Artikoli mill-Avukat Ġenerali.

Illi Artikolu 370(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> "(a) B'dak kollu li jiddisponi s-subartikolu (1)(b), l-Avukat Ġenerali jista' jibgħat, sabiex tkun iġġudikata mill-qorti fuq imsemmija, persuna akkużata ta' delitt li għalih hemm il-piena ta' priġunerija għal żmien iżjed minn [...], jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni minn dik il-persuna.
>
> (b) Meta l-atti jinbagħtu lura lill-qorti sabiex tiġġudika dak id-delitt, il-qorti <u>għandha</u> tistaqsi lill-akkużat jekk għandux oġġezzjoni illi l-każ tiegħu jiġi ittrattat bi proċedura sommarja u tagħtih, fid-diskrezzjoni tagħha, żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija.
>
> (ċ) Jekk, fiż-żmien hawn fuq imsemmi, l-akkużat iwieġeb illi huwa m'għandux oġġezzjoni li l-każ jiġi ittrattat bi proċedura sommarja, il-qorti <u>għandha</u> tinnota t-tweġiba fil-proċess u <u>malli tagħmel hekk il-qorti tkun kompetenti li tittratta l-każ tal-akkużat</u> u għandha tagħti s-sentenza minnufih, kif provdut fl-artikolu 377.
>
> [...]

(f) Qabel ma l-qorti tistaqsi lill-akkużat jekk għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi ttrattat bi proċedura sommarja, kif provdut fil-paragrafu (b), il-qorti għandha tisma' dik ix-xhieda oħra li tista' tiġi ndikata mill-Avukat Ġenerali fl-istess nota li biha jibgħat lill-persuna akkużata sabiex tkun iġġudikata mill-qorti fuq imsemmija skont il-paragrafu (a)." [emfażi miżjuda]

Illi anke fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju (*a fol.* 154) imsemmija aktar 'il fuq, hemm imniżżel, fost l-oħrajn, hekk:

"Jibgħat lura ma' dan l-Att lil din il-Qorti l-atti tal-Kompilazzjoni hawn fuq imsemmija sabiex din l-istess Qorti, f'nuqqas ta' oġġezzjoni ta' l-imputat skont dak li hemm maħsub fl-Artikolu 370(3)(b) u (ċ) tal-Kodiċi Kriminali, tiddeċiedi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet, jew f'każ ta' oġġezzjoni, tipproċedi skont l-Artikolu 370(3)(d) tal-Kodiċi Kriminali, b'dan pero' li qabel ma l-Qorti tistaqsi lill-akkużat jekk għandhomx oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja, il-Qorti għandha, skont kif provvdut fl-Artikolu 370(3)(f) tal-imsemmi Kodiċi:

(a) Tieħu konjizzjoni ta' kull prova oħra li jogħġobha tressaq il-Pulizija f'dan il-każ."

Illi dan kollu juri l-Ewwel Qorti kienet obbligata li tistaqsi lill-appellanti jekk kellhiex oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja u qabel tagħmel din il-mistoqsija, il-Qorti msemmija kellha tieħu konjizzjoni ta' kull prova oħra li l-Pulizija kien jogħġobha tressaq.

Illi fit-tieni paġna tas-sentenza appellata (*a fol.* 267 *et seq.*) hemm imniżżel li l-Ewwel Qorti: *"Rat in-Nota tal-Avukat Ġenerali tal-14 ta' Diċembru 2011, permezz ta' liema bagħat lill-imputata biex tiġi ġġudikata minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali."*

Illi filwaqt li huwa minnu li fis-seduta tal-4 ta' Frar 2016 (*a fol.* 240) hemm imniżżel li d-difiża kienet qed teżenta lill-Ewwel Qorti kif diversament preseduta mis-seduti ta' qabel milli terġa' tisma' x-xhieda kollha li kienu diġa' nstemgħu, pero' din id-dikjarazzjoni ma tissanax n-nuqqas ta' oġġezzjoni da parti tal-appellanti li hija tkun iġġudikata mill-Qorti tal-Maġistrati.

Illi din il-Qorti hija konxja tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fil-25 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Francis sive Frankie Portelli** (Numru 320/2007), liema sentenza kienet tirrigwarda fatti mhux eżatt identiċi għal dan il-każ minħabba fost l-oħrajn li f'dak il-każ, il-Qorti nnutat: (a) li n-Nota ta' Rinviju f'dak il-każ kienet "Lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Krminali" u (b) li:

> "[...] l-appellant Avukat Ġenerali josserva wkoll li għalkemm fl-udjenza tal-5 ta' Ottubru 2006 l-avukat difensur ta' Portelli kien ivverbalizza li l-akkużat, una volta li jiġi mistoqsi jekk għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, kien ser iwieġeb li m'għandux – dikjarazzjoni, din, li ġiet ripetuta wkoll fl-udjenza tas-17 ta' Novembru 2006 – l-ewwel qorti ma jirriżultax li effettivament għamlet il-mistoqsija lill-akkużat u rreġistratha fil-proċess kif indikat fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (3) ta' l-imsemmi Artikolu 370."

Illi din il-Qorti ma tqisx li s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Francis sive Frankie Portelli** għandha ssib applikazzjoni f'dan il-każ li dwaru qed tingħata din is-sentenza u dan minħabba li apparti li dak li ġie appena ċċitat ma jirriżultax f'dan il-każ, in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' dan il-każ hija indirizzata: *"Lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) <u>bħala Qorti Istruttorja</u>"* (*a fol.* 154) (emfażi miżjuda). Ma' dan kollu din il-Qorti żżid tgħid li l-użu diversi drabi tal-kelma "għandha" f'Artikolu 370(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta juri li huwa obbligatorju li l-Qorti tal-Maġistrati <u>għandha</u> taderixxi ma' dak li tiddisponi l-liġi.

Illi minħabba li dak imsemmi hawn fuq ma ġiex osservat mill-Qorti tal-Maġistrati, b'hekk isegwi li din il-Qorti ser tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjaraha nulla b'dan illi din il-Qorti ser tibgħat l-atti proċesswali lill-Ewwel Qorti sabiex terġa' tingħata sentenza mill-ġdid skont il-liġi wara li tiġi segwita l-proċedura rikjesta mil-liġi u jiġi speċifikat li l-appellanti għandha terġa' titpoġġa fil-pożizzjoni li kienet immedjatament fiha qabel ma l-Avukat Ġenerali bagħat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju (*a fol.* 154) li fiha huwa ndika l-Artikoli tal-liġi li skont hu l-appellanti kellha tinstab ħatja tagħhom.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħda *ex officio* tirrevoka s-sentenza appellata u, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-*doppio esame*, qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex l-appellanti terġa' titpoġġa fil-pożizzjoni li kienet immedjatament fiha qabel mal-Avukat Ġenerali bagħat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju (*a fol.* 154) li fiha huwa ndika l-Artikoli tal-liġi li skont hu l-appellanti kellha tinstab ħatja tagħhom u b'hekk tiġi segwita l-proċedura rikjesta mil-liġi u eventwalment tingħata sentenza mill-ġdid.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**